32001L0017

L 110/28 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 20.4.2001

ID-DIRETTIVA 2001/17/ke TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tad-19 ta' Marzu 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 47(2) u 55 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Filwaqt li jaġixxu bi qbil mal-proċedura preskritta fl-Artikolu 251 tat-Trattat ([3]),

Billi:

(1) L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 73/239/KEE ta' 1-24 ta' Lulju 1973 fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-adozzjoni u l-eżerċizzju tan-negozju ta' assigurazzjoni diretta ħlief dik ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja ([4]), kif miżjuda bid-Direttiva 92/49/KEE ([5]), u L-Ewwel Direttiva tal-Kunsill 79/267/KEE tal-5 ta' Marzu 1979 fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-adozzjoni u l-eżerċizzju tan-negozju ta' assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja ([6]) kif miżjuda bid-Direttiva 92/96/KEE ([7]), jipprovdu għall-awtorizzazzjoni waħdanija ta' l-impriżi ta' l-assigurazzjoni mogħtija mill-awtorità ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru oriġinali. Din l-awtorizzazzjoni waħdanija tħalli l-impriża ta' assigurazzjoni li twettaq l-attivitajiet tagħha fil-Komunità permezz tat-twaqqif ta' l-għoti ta' servizzi b'xejn mingħajr awtorizzazzjoni ulterjuri mill-Istat Membru ospitanti u taħt is-superviżjoni waħdanija prudenti ta' l-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini.

(2) Id-direttivi ta' l-assigurazzjoni li jipprovdu awtorizzazzjoni waħdanija bi skop Komunitarju għall-impriżi ta' assigurazzjoni ma jkollhomx regoli ta' koordinament fl-eventwalità ta' proċeduri ta' stralċ. Impriżi ta' l-assigurazzjoni kif ukoll istituzzjonijiet oħra finanzjarji huma espressament eskluži mill-iskop tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1346/2000 tad-29 ta' Mejju 2000 fuq proċeduri ta' l-insolvenza ([8]). Huwa fl-interess tat-tħaddim xieraq tas-suq intern u tal-protezzjoni tal-krediturі li regoli koordinati jkunu stabbiliti fuq livell tal-Komunità għall-proċeduri ta' l-istralċ fir-rigward ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni.

(3) Regoli ta' koordinament għandhom ikunu stabbiliti biex jiżguraw li l-miżuri ta' riorganizzazzjoni, adottati mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru biex jippriservaw u jirrestitwixxu l-qagħda finanzjarja soda ta' impriża ta' l-assigurazzjoni u biex ma jħallux kemm jista' jkun sitwazzjoni ta' stralċ, jipproduċu l-effetti sħaħ fil-Komunità kollha. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni koperti b'din id-Direttiva huma dawk li jaffettwaw drittijiet pre-eżistenti ta' partijiet li ma jkunux ta' l-impriża ta' assigurazzjoni nnifisha. Il-miżuri pprovduti fl-Artikolu 20 tad-Direttiva 73/239/KEE u l-Artikolu 24 tad-Direttiva 79/267/KEE għandhom ikunu inklużi fl-iskop ta' din id-Direttiva iżda għandhom jikkonformaw mal-kondizzjonijiet misjuba fid-definizzjoni tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni.

(4) Din id-Direttiva għandha skop Komunitarju li taffettwa l-impriżi ta' l-assigurazzjoni kif iddefiniti fid-Direttivi 73/239/KEE u 79/267/KEE li għandhom l-uffiċċju prinċipali fil-Komunità, friegħi ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni li għandhom l-uffiċċju prinċipali f'pajjiżi terzi u krediturі residenti fil-Komunità. Din id-Direttiva m'għandhiex tirregola l-effetti tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' l-istralċ fir-rigward ta' pajjizi terzi.

([1]) ĠU C 71, tad-19.3.1987, p. 5 u ĠU C 253, tas-6.10.1989, p. 3.
([2]) ĠU C 319, tat-30.1.1987, p. 10.
([3]) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Marzu 1989 (ĠU C 96, tas-17.4.1989, p. 99), ikkonfermata fis-27 ta' Ottubru 1999, il-Pożizzjoni Komuni tal- Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2000 (ĠU C 344, ta' l-1.12.2000, p. 23) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Frar 2001.
([4]) ĠU L 228, tas-16.8.1973, p. 3. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u d-Direttiva tal-Kunsill 95/26/KE (ĠU L 168, tat-18.7.1995, p.7).
([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/49/KEE tat-18 ta' Ġunju 1992 fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-assigurazzjoni diretta li ma jkunux assigurazzjoni tal-ħajja u d-Direttivi li jemendaw 73/239/KEE u 88/357/KEE (it-tielet direttiva fuq l-assigurazzjoni mhux fuq il-ħajja) (ĠU L 228, tal-11. 8. 1992, p. 1).
([6]) ĠU L 63, tat-13.3.1997, p. 1. Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 95/26/KE.
([7]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/96/KEE ta' l-10 ta' Novembru 1992 fuq il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar l-assigurazzjoni diretta tal-ħajja u d-Direttivi li jemendaw 79/267/KEE u 90/619/KEE (it-tielet direttiva fuq l-assigurazzjoni fuq il-ħajja) (ĠU L 360, tad-9.12.1992, p. 1).
([8]) ĠU L 160, tat-30.6.2000, p. 1.

(5) Din id-Direttiva għandha jkollha x'taqsam mal-proċeduri ta' l-istralċ kemm jekk huma ibbażati jew le fuq l-insolvenza u kemm jekk huma volontarji jew obbligatorji. Għandha tapplika għall-proċeduri kollettivi kif imfissra mil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini skond l-Artikolu 10 li jinvolvi r-realizzazzjoni ta' l-assi ta' impriża ta' l-assigurazzjoni u t-tqassim tar-rikavat tagħhom. Proċeduri ta' l-istralċ li, mingħajr ma jkunu bbażati fuq l-insolvenza, jinvolvu għal ħlas ta' pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni ordni ta' prijorità skond l-Artikolu 10 għandhom ikunu inklużi ukoll fl-iskop ta' din id-Direttiva. Pretensjonijiet mill-impjegati ta' impriża ta' assigurazzjoni li joħorġu mill-kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet ta' impjieg għandhom ikunu kapaċi li jkunu surrogati għal skema nazzjonali ta' paga garantita; pretensjonijiet surrogati bħal dawn għandhom jibbenefikaw mit-trattament iddeterminat mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini (*lex concursus*) skond il-prinċipji ta' din id-Direttiva. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-każijiet differenti ta' proċeduri ta' l-istralċ kif xieraq.

(6) L-adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni ma jipprekludux il-ftuħ ta' proċeduri għall-istralċ. Proċeduri ta' l-istralċ jistgħu jinbdew fl-assenza ta', jew wara, l-adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni u jistgħu jintemmu b'kompożizzjoni jew miżuri oħra analogi, inkluż miżuri ta' riorganizzazzjoni.

(7) It-tifsira ta' fergħa, skond il-prinċipji eżistenti ta' l-insolvenza, għandha tikkonsidra l-personalità waħdanija ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni. Il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini għandha tiddetermina l-mod li għandhom ikunu ttrattati fl-istralċ ta' impriża ta' l-assigurazzjoni l-assi u l-passiv miżmuma minn persuni indipendenti li għandhom awtorità permanenti li jaġixxu bħala aġent għall-impriża assiguratriċi.

(8) Għandha ssir distinzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti għall-iskopijiet tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' l-istralċ u l-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-impriżi ta' assigurazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu ikunu awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji jiddipendi mil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru. Din id-Direttiva ma tridx tarmonizza l-leġislazzjoni nazzjonali dwar l-allokazzjoni ta' kompetenzi bejn dawn l-awtoritajiet.

(9) Din id-Direttiva ma tfittixx li tarmonizza l-leġislazzjoni nazzjonali dwar miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' l-istralċ imma timmira li tiżgura r-rikonoxximent reċiproku tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni ta' l-Istati Membri u l-leġislazzjoni ta' l-istralċ dwar l-impriżi ta' assigurazzjoni kif ukoll il-kooperazzjoni meħtieġa. Dan ir-rikonoxximent reċiproku huwa implimentat f'din id-Direttiva permezz tal-prinċipji ta' l-unità, l-universalità, il-koordinazzjoni, il-pubblikità, it-trattament ekwivalenti u l-protezzjoni tal-krediturі ta' l-assigurazzjoni.

(10) L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini biss għandu jkollu s-setgħa li jieħu deċiżjonijiet fuq il-proċeduri ta' l-istralċ dwar l-impriżi ta' l-assigurazzjoni (prinċipju ta' unità). Dawn il-proċeduri għandhom jipproduċu l-effetti tagħhom fil-Komunità kollha u għandhom ikunu rikonoxxuti mill-Istati Membri kollha. L-assi u l-passiv kollha ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni għandhom, bħala regola ġenerali, ikunu ikkunsidrati fil-proċeduri ta' l-istralċ (prinċipju ta' l-universalità).

(11) Il-liġi ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini għandha tiddetermina d-deċiżjoni ta' l-istralċ dwar impriża ta' assigurazzjoni, il-proċeduri ta' l-istralċ innifishom u l-effetti tagħhom, kemm sostantivi kif ukoll proċedurali, fuq il-persuni u r-relazzjonijiet legali kkonċernati, ħlief fejn din id-Direttiva tipprovdi xorta oħra. Għalhekk il-kondizzjonijiet kollha għall-ftuħ, it-tmexxija u l-għeluq tal-proċeduri ta' l-istralċ għandhom ġeneralment ikunu iggvernati mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' l-origini. Biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni tagħha din id-Direttiva għandha tinkludi lista mhux eżawrjenti ta' aspetti li, partikolarment, huma soġġetti għar-regola ġenerali tal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini.

(12) L-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istati Membri ta' oriġini u dawk ta' l-Istati Membri kollha l-oħra għandhom ikunu informati bħala materja ta' urġenza bil-bidu tal-proċeduri ta' l-istralċ (prinċipju ta' koordinazzjoni).

(13) Huwa ta' importanza kbira li l-persuni assigurati, detenturi tal-poloz, benefiċjarji u kull parti li sofriet ħsara li jkollha dritt ta' azzjoni diretta kontra l-impriża ta' l-assigurazzjoni fuq pretensjoni li toħroġ mill-operazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni ikunu mħarsa fil-proċeduri ta' l-istralċ. Din il-protezzjoni m'għandhiex tinkludi pretensjonijiet li joħorġu mill-obbligi taħt il-kuntratti ta' assigurazzjoni jew operazzjonijiet ta' assigurazzjoni imma minn responsabbilità ċivili kkawżata minn aġent fin-negozjati li għalihom, skond il-liġi applikabbli għall-kuntratt jew operazzjoni ta' l-assigurazzjoni, l-aġent innifsu mhux responsabbli taħt tali kuntratt jew operazzjoni ta' l-assigurazzjoni. Biex jilħaq dan il-għan l-Istati Membri għandhom jiżguraw trattament speċjali lill-krediturі ta' l-assigurazzjoni skond wieħed miż-żewġ metodi ta' għażla pprovduti f'din id-Direttiva. L-Istati Membri jistgħu jagħżlu bejn li jagħtu lill-pretensjonijiet ta' assigurazzjoni preċedenza assoluta fuq kull pretensjoni oħra fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tekniċi jew l-għoti ta' pretensjonijiet ta' assigurazzjoni prijorità speċjali li tista' tkun preċeduta biss b'pretensjonijiet fuq salarji, sigurtà soċjali, taxxi u drittijiet *in rem* fuq l-assi kollha ta' l-impriza ta' assigurazzjoni. L-ebda waħda miż-żewġ metodi

ipprovduti f'din id-Direttiva ma timpedixxi Stat Membru milli jistabbilixxi prijoritajiet bejn il-kategoriji differenti ta' pretensjonijiet ta' assigurazzjoni.

(14) Din id-Direttiva għandha tiżgura bilanċ xieraq bejn il-protezzjoni tal-krediturі ta' l-assigurazzjoni u krediturі privileġġati oħra protetti mil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru u ma tarmonizzax is-sistemi differenti tal-krediturі privileġġati li jeżistu fl-Istati Membri.

(15) Iż-żewġ metodi ta' l-għażla għat-trattament tal-pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni huma kkunsidrati sostanzjalment ekwivalenti. L-ewwel metodu jiżgura l-affettazzjoni ta' l-assi li jirrappreżentaw id-dispożizzjonijiet tekniċi għal pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni, it-tieni metodu jiżgura li l-pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni igawdu pożizzjoni fil-prijorità tal-krediturі li ma taffettwax biss l-assi li jirrapreżentaw id-dispożizzjonijiet tekniċi imma l-assi kollha ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni.

(16) Stati Membri li, biex jipproteġu l-krediturі ta' l-assigurazzjoni, jagħżlu metodu li jagħtu l-pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni preċedenza assoluta fir-rigward ta' l-assi li jirrapreżentaw id-dispożizzjonijiet tekniċi għandhom jeħtieġu mill-impriżi ta' l-assigurazzjoni tagħhom li jistabbilixxu u jżommu aġġornat reġistru speċjali ta' dawk l-assi. Dak ir-reġistru huwa strument utili biex jidentifika l-assi milquta b'dawk il-pretensjonijiet.

(17) Biex tissaħħaħ l-ekwivalenza bejn iż-żewġ metodi ta' trattament tal-pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni, din id-Direttiva għandha tobbliga lill-Istati Membri li japplikaw il-metodu msemmi fl-Artikolu 10(1)(b) biex teħtieġ kull impriża ta' l-assigurazzjoni biex tirrappreżenta, f'kull mument u indipendentement minn kull stralċ possibbli, pretensjonijiet, li skond dak il-metodu jistgħu ikollhom preċedenza fuq il-pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni u li huma rreġistrati fil-kontabbilità ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni, b'assi permessi mid-direttivi ta' l-assigurazzjoni fis-seħħ biex jirrappreżentaw id-dispożizzjonijiet tekniċi.

(18) L-Istat Membru ta' l-oriġini għandu jkun jista' jipprovdi li, fejn id-drittijiet tal-krediturі ta' l-assigurazzjoni kienu surrogati bi skema ta' garanzija stabbilita f'dak l-Istat Membru oriġinali, pretensjonijiet minn dik l-iskema m'għandhomx jibbenefikaw mit-trattament ta' pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni taħt din id-Direttiva.

(19) Il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ għandu jinvolvi l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni biex isir in-negozju mogħti lill-impriża ta' l-assigurazzjoni ħlief jekk dik l-awtorizzazjoni kienet irtirata qabel.

(20) Id-deċiżjoni biex jinbdew il-proċeduri ta' stralċ, li jistgħu jipproduċu effetti fil-Komunità kollha skond il-prinċipju ta' l-universalità, għandu jkollha l-pubblikità xierqa ġewwa l-Komunità. Sabiex il-partijiet interessati jkunu protetti, id-deċiżjoni għandha tkun ippubblikata skond il-proċeduri ta' l-Istat Membru u fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u, iżjed, b'kull mezz ieħor deċiż mill-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istati Membri l-oħra fit-territorji rispettivi tagħhom. Barra l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni, krediturі magħrufa li joqogħdu fil-Komunità għandhom ikunu infurmati individwalment bid-deċiżjoni u din l-informazzjoni għandu jkollha ta' l-anqas l-elementi speċifikati f'din id-Direttiva. L-istralċjarji għandhom iżommu ukoll il-krediturі regolarment infurmati bil-progress tal-proċeduri ta' l-istralċ.

(21) Krediturі għandhom ikollhom id-dritt li jagħmlu l-pretensjonijiet jew jissottomettu osservazzjonijiet bil-miktub fil-proċeduri ta' l-istralċ. Pretensjonijiet minn krediturі li joqogħdu fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' l-oriġini għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod bħal pretensjonijiet ekwivalenti fl-Istat Membru ta' l-oriġini mingħajr diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' nazzjonalità jew residenza (prinċipju ta' trattament ekwivalenti).

(22) Din id-Direttiva għandha tapplika għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni adottati minn awtorità kompetenti tal-prinċipji ta' Stat Membru li huma simili *mutatis mutandis* għal dawk ipprovduti fil-proċeduri ta' stralċ. Il-pubblikazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu llimitati għall-każ fejn l-appell fl-Istat Membru ta' oriġini huwa possibbli minn partijiet li ma jkunux l-impriża ta' l-assigurazzjoni nnifisha. Meta miżuri ta' riorganizzazzjoni jaffettwaw esklussivament id-drittijiet ta' l-azzjonisti, membri u impjegati ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni kkunsidrati f'dawk il-kapaċitajiet, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-mod li bih il-partijiet affettwati għandhom ikunu mgħarrfa skond il-leġislazzjoni rilevanti.

(23) Din id-Direttiva tipprovdi għal regoli koordinati biex tkun iddeterminata l-liġi applikabbli għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ ta' l-impriżi ta' l-assigurazzjoni. Din id-Direttiva ma tfittixx li tistabbilixxi regoli tad-dritt privat internazzjonali li jiddeterminaw il-liġi applikabbli għall-kuntratti u relazzjonijiet oħra legali. B'mod partikolari, din id-Direttiva ma tfittixx li tiddetermina r-regoli applikabbli fuq l-eżistenza ta' kuntratt, id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet u l-valutazzjoni tad-debiti.

(24) Ir-regola ġenerali ta' din id-Direttiva, skond liema miżuri ta' riorganizzazzjoni tal-miżuri u l-proċeduri ta' stralċ huma iddeterminati mil-liġi ta' l-Istat Membru oriġinali, għandu jkollha serje ta' eċċezzjonijiet biex tipproteġi l-aspettattivi leġittimi u ċ-ċertezza ta' ċerti tranżazzjonijiet fl-Istati Membri li ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini. Dawn

l-eċċezzjonijiet għandhom jikkonċernaw l-effetti ta' dawn il-miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ fuq ċerti kuntratti u drittijiet, drittijiet *in rem* ta' terzi persuni, riservi tat-titolu, tpaċija, swieq regolati, atti ta' detriment, xerrejja ta' partijiet terzi u kawżi pendenti.

(25) L-eċċezzjoni dwar l-effetti tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ fuq ċerti kuntratti u drittijiet ipprovduti fl-Artikolu 19 għandha tkun illimitata għall-effetti speċifikati hemmhekk u m'għandhiex tinkludi kull kwistjoni oħra fuq miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ bħal depożitu, verifika, ammissjoni u l-prijorità tal-pretensjonijiet dwar kuntratti u drittijiet, li għandhom ikunu ggvernati bil-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini.

(26) L-effetti ta' miżuri ta' riorganizzazjoni jew proċeduri ta' stralċ fuq kawża pendenti għandha tkun iddeterminata bil-liġi ta' l-Istati Membri fejn il-kawża hija pendenti dwar assi jew dritt minn liema impriża ta' l-assigurazzjoni tkun ġiet svestita bħala eċċezzjoni għall-applikazzjoni tal-liġi ta' l-Istat Membru ta' oriġini. L-effetti ta' dawn il-miżuri u proċeduri fuq azzjonijiet individwali ta' eżekuzzjoni li joħroġu minn dawn il-kawżi għandhom ikunu iggvernati mil-liġi ta' l-Istat Membru ta' l-origini, skond ir-regola ġenerali ta' din id-Direttiva.

(27) Il-persuni kollha meħtieġa li jirċievu jew jagħtu tagħrif konness mal-proċeduri ta' komunikazzjoni pprovduti f'din id-Direttiva għandhom ikunu marbuta bis-segretezza professjonali bl-istess mod kif inhu stabbilit fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/49/KEE u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 92/96/KEE, bl-eċċezzjoni ta' kull awtorità gudizzjarja li tapplika għaliha l-leġislazzjoni nazzjonali.

(28) Għall-għan biss li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ dwar friegħi li jinsabu fil-Komunità ta' impriża tal-Komunità li l-uffiċċju prinċipali tagħha jinsab f'pajjiż terz l-Istat Membru ta' l-oriġini għandu jkun definit bħala l-Istat Membru fejn tinsab il-fergħa u l-awtoritajiet ta' superviżjoni u l-awtoritajiet kompetenti bħala l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru.

(29) Fejn hemm friegħi f'aktar minn Stat Membru wieħed ta' impriża ta' l-assigurazzjoni li l-uffiċċju prinċipali tagħha jinsab barra l-Komunità, kull fergħa għandha titqies għal rasha fir-rigward ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva. F'dak il-każ l-awtoritajiet kompetenti, l-awtoritajiet ta' superviżjoni, l-amministraturi u l-istralċjarji għandhom jittentaw li jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

IT-TITOLU I

SKOP U DEFINIZZJONIJIET

L-Artikolu 1

Skop

1. Din id-Direttiva tapplika għal miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ dwar l-impriżi ta' l-assigurazzjoni.

2. Din id-Direttiva tapplika ukoll, safejn hemm provdut fl-Artikolu 30, għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' stralċ dwar friegħi fit-territorju tal-Komunità ta' impriżi ta' assigurazzjoni li jkollhom l-uffiċċju prinċipali barra l-Komunità.

L-Artikolu 2

Tifsiriet

Għall-għan ta' din id-Direttiva:

(a) "impriża ta' l-assigurazzjoni" tfisser impriża li rċeviet l-awtorizzazzjoni uffiċjali skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 73/239/KEE jew l-Artikolu 6 tad-Direttiva 79/267/KEE;

(b) "fergħa" tfisser kull preżenza permanenti ta' impriża ta' l-assigurazzjoni fit-territorju ta Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini li tagħmel negozju ta' l-assigurazzjoni;

(ċ) "miżuri ta' riorganizzazzjoni" tfisser kull intervent mill-korpi amministrattivi jew awtoritajiet ġudizzjarji maħsuba sabiex jippreservaw jew jirrestawraw is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni u li jaffettwaw id-drittijiet ta' partijiet li ma tkunx l-impriża nnifisha li kienu jeżistu minn qabel, inklużi iżda mhux illimitati għall-miżuri li jinvolvu l-possibbilità ta' sospensjoni ta' pagamenti, sospensjoni ta' miżuri eżekuttivi jew ta' tnaqqis fil-pretensjonijiet;

(d) "proċeduri ta' stralċ" tfisser il-proċeduri kollettivi li jinvolvu r-realizzazzjoni ta' l-assi ta' impriża ta' l-assigurazzjoni u d-distribuzzjoni tar-rikavat fost il-krediturі, azzjonisti jew membri kif xieraq, li neċessarjament jinvolvu intervent mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji ta' Stat Membru, inkluż fejn il-proċeduri kollettivi huma mitmuma b'kompożizzjoni jew miżura oħra analoga, kemm jekk huma bbażati fuq l-insolvenza jew le jew huma volontarji jew obbligatorji;

(e) "Stat Membru ta' oriġini" tfisser Stat Membru fejn impriża ta' assigurazzjoni kienet awtorizzata skond l-Artikolu 6 tad-Direttiva 73/239/KEE jew l-Artikolu 6 tad-Direttiva 79/267/KEE;

(f) "Stat Membru ospitanti" tfisser l-Istat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini fejn impriża ta' l-assigurazzjoni għandha fergħa;

(g) "awtoritajiet kompetenti" tfisser awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji ta' l-Istati Membri li huma kompetenti għall-għanijiet ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ;

(h) "awtoritajiet ta'superviżjoni" tfisser awtoritajiet kompetenti fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(k) tad-Direttiva 92/49/KEE u ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 92/96/KEE;

(i) "amministratur" tfisser kull persuna jew korp appuntat mill-awtoritajiet kompetenti għall-għan ta' l-amministrazzjoni tal-miżuri ta' riorganizzazzjoni;

(j) "stralċjarju" tfisser kull persuna jew korp appuntat mill-awtoritajiet kompetenti jew mill-korpi tat-tmexxija ta' impriża ta' l-assigurazzjoni, kif xieraq, għall-għan ta' l-amministrazzjoni tal-proċeduri ta' l-istralċ;

(k) "pretensjonijiet lill-assigurazzjoni" tfisser kull ammont li huwa dovut minn impriza ta' l-assigurazzjoni lill-persuni assigurati, detenturi tal-polza, benefiċjarji jew lil kull parti li sofriet dannu li jkollhom dritt dirett ta' azzjoni kontra l-impriża ta' l-assigurazzjoni u li toħroġ mill-kuntratt ta' assigurazzjoni jew minn kull operazzjoni pprovduta fl-Artikolu 1(2) u (3), tad-Direttiva 79/267/KEE fin-negozju ta' assigurazzjoni diretta, inkluż ammonti mwarrba għall-imsemmija persuni, meta xi elementi tad-dejn għadhom m'humiex magħrufin. Il-*premiums* dovuti minn impriża ta' l-assigurazzjoni bħala riżultat tan-nuqqas tal-konklużjoni jew tar-rexxissjoni ta' dawn il-kuntratti ta' assigurazzjoni u operazzjonijiet skond il-liġi applikabbli għal dawn il-kuntratti jew operazzjonijiet qabel il-bidu tal-proċeduri ta' l-istralċ għandhom ikunu kkunsidrati ukoll bħala pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni.

IT-TITOLU II

MIŻURI TA' RIORGANIZZAZZJONI

L-Artikolu 3

Skop

Dan it-Titolu japplika għar-riorganizzazzjoni ta' miżuri mfissra fl-Artikolu 2(ċ).

L-Artikolu 4

Adozzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni — Liġi applikabbli

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini biss għandhom ikollhom is-setgħa li jiddeċiedu fuq il-miżuri ta' riorganizzazzjoni fuq impriżi ta' l-assigurazzjoni, inkluż il-friegħi tagħha fl-Istati Membri l-oħra. (6) Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni ma jipprekludux il-ftuħ ta' proċeduri għall-istralċ mill-Istat Membru ta' oriġini.

2. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu ggvernati mill-liġi, ir-regolamenti u l-proċeduri applikabbli fl-Istat Membru ta' l-origini, ħlief kif ipprovdut fl-Artikoli 19 sa 26.

3. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu effettivi għal kollox ġewwa l-Komunità kollha skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini mingħajr ebda formalitajiet oħra, inkluż kontra terzi persuni fi Stati Membri oħra, ukoll jekk il-leġislazzjoni ta' dawk l-Istati Membri l-oħra ma tipprovdix għal dawn il-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew inkella tagħmel l-implimentazzjoni tagħhom soġġetta għall-kondizzjonijiet li mhumiex milħuqa.

4. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu effettivi ġewwa l-Komunità kollha ladarba jidħlu fis-seħħ fl-Istat Membru fejn ikunu ttieħdu.

L-Artikolu 5

Tagħrif lill-awtoritajiet ta' superviżjoni

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom jinurmaw bħala kwistjoni ta' urġenza lill-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini bid-deċiżjoni tagħhom fuq kull miżura ta' riorganizzazzjoni, fejn possibbli qabel l-adozzjoni ta' dik il-miżura u jekk le minnufih wara. L-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom jinfurmaw bħala kwistjoni ta' urġenza lill-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru bid-deċiżjoni li jadottaw miżuri ta' riorganizzazzjoni inkluż l-effetti prattiċi possibbli ta' dawk il-miżuri.

L-Artikolu 6

Pubblikazzjoni

1. Fejn appell huwa possibbli fl-Istat Membru ta' oriġini kontra miżura ta' riorganizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini, l-amministratur jew kull persuna intitolata li tagħmel hekk fl-Istat Membru ta' oriġini għandu jagħmel pubblika d-deċiżjoni tiegħu fuq miżura ta' riorganizzazzjoni skond il-pubblikazzjoni ta' proċeduri pprovduti fl-Istat Membru ta' oriġini u, ukoll, għandu jippubblika fil- *Ġurnal Uffiċjali*

tal-Komunitajiet Ewropej fl-ewwel opportunità estratt mid-dokument li jistabbilixxi l-miżura ta' riorganizzazzjoni. L-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istati Membri l-oħra kollha li jkunu infurmati bid-deċiżjoni fuq miżura ta' riorganizzazzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 5 jistgħu jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni fit-territorju tagħhom bil-mod li jikkunsidraw xieraq.

2. Il-pubblikazzjonijiet ipprovduti fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw ukoll l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini, il-liġi applikabbli kif ipprovdut fl-Artikolu 4(2) u l-amministratur appuntat, jekk hemm. Għandhom ikunu fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn it-tagħrif huwa ppubblikat.

3. Il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom japplikaw immaterjalment mid-dispożizzjonijiet dwar il-pubblikazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 u għandhom ikunu effettivi għal kollox kontra l-krediturі, ħlief jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat ta' oriġini jew il-liġi ta' dak l-Istat tipprovdi mod ieħor.

4. Meta miżuri ta' riorganizzazzjoni jaffettwaw esklussivament id-drittijiet ta' l-azzjonisti, membri jew impjegati ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni kkunsidrati f'dawk il-kapaċitajiet, dan l-Artikolu m'għandux japplika ħlief jekk il-liġi applikabbli għal dawn il-miżuri ta' riorganizzazzjoni jipprovdi mod ieħor. L-aworitajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-mod kif il-partijiet interessati affettwati b'dawn il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ikunu mgħarrfa skond il-leġislazzjoni rilevanti.

L-Artikolu 7

Tagħrif lill-krediturі magħrufa — Jedd li jsiru l-pretensjonijiet

1. Fejn il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini teħtieġ il-preżentata ta' pretensjoni biex tkun rikonoxxuta jew tipprovdi għan-notifika obbligatorja ta' miżura ta' riorganizzazzjoni lill-krediturі li għandhom il-post tar-residenza tagħhom normali, domiċilju jew uffiċċju prinċipali f'dak l-Istat, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini jew l-amministratur għandhom jgħarrfu wuoll lill-krediturі magħrufa li għandhom il-post tar-residenza tagħhom normali, id-domiċilju jew l-uffiċċju prinċipali fi Stat Membru ieħor, skond il-proċeduri imsemmija fl-Artikoli 15 u 17(1).

2. Fejn il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini tipprovdi għad-dritt tal-krediturі li għandhom il-post tar-residenza tagħhom normali, domiċilju jew uffiċċju prinċipali f'dak l-Istat, biex jippreżentaw pretensjonijiet jew jissottomettu l-osservazzjonijiet dwar il-pretensjonijiet tagħhom, krediturі li għandhom il-post tar-residenza tagħhom normali, domiċilju jew uffiċċju prinċipali fi Stat Membru ieħor għandu jkollhom l-istess dritt li jippreżentaw pretensjonijiet jew jissottomettu osservazzjonijiet skond il-proċeduri pprovduti fl-Artikoli 16 u 17(2).

IT-TITOLU III

PROĊEDURI TA' L-ISTRALĊ

L-Artikolu 8

Bidu ta' proċeduri ta' l-istralċ — Tagħrif lill-awtoritajiet ta' superviżjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini biss għandu jkollhom is-setgħa li jieħdu d-deċiżjoni fuq il-bidu tal-proċeduri ta' l-istralċ fir-rigward ta' impriżi ta' l-assigurazzjoni, inkluż il-frieġhi tagħha fl-Istati Membri l-oħra. Din id-Deċiżjoni għandha tittieħed fl-assenza, jew wara l-adozzjoni, ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni.

2. Deċiżjoni adottata skond il-leġislazzjoni ta' Stat Membru ta' oriġini dwar il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ ta' impriża ta' assigurazzjoni, inkluż il-frieġhi tagħha fl-Istati Membri l-oħra, għandha tkun rikonoxxuta mingħajr formalità oħra fit-territorju ta' l-Istati Membri l-oħra u għandhom ikunu effettivi hemmhekk hekk kif id-deċiżjoni tkun effettiva fl-Istat Membru fejn il-proċeduri huma miftuħa.

3. L-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini għandu jkun mgħarraf bħala kwistjoni ta' urġenza bid-deċiżjoni tal-bidu tal-proċeduri ta' l-istralċ, jekk possibbli qabel il-proċeduri jibdew u fin-nuqqas minnufih wara. L-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom jinfurmaw bħala kwistjoni ta' urġenza l-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istati Membri oħrajn bid-deċiżjoni li jinbdew proċeduri ta' l-istralċ inkluż l-effetti prattiċi possibbli ta' dawk il-miżuri.

L-Artikolu 9

Il-liġi applikabbli

1. Id-deċiżjoni li jibdew proċeduri ta' stralċ fir-rigward ta' impriża ta' assigurazzjoni, il-proċeduri ta' l-istralċ u l-effetti tagħhom għandhom ikunu ggvernati bil-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli fl-Istat Membru ta' oriġini ħlief jekk mhux ipprovdut b'mod ieħor fl-Artikoli 19 sa 26.

2. Il-liġi ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandha tiddetermina b'mod partikolari:

(a) l-assi li jiffurmaw parti mill-patrimonju u t-trattament ta' l-assi miksuba minn, jew li jiddevolvu fuq l-impriża ta' l-assigurazzjoni wara l-bidu tal-proċeduri ta' l-istralċ;

(b) il-poteri rispettivi tas-setgħat ta' l-impriża ta' assigurazzjoni u l-istralċjarju;

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom it-tpaċija tista' tkun invokata;

(d) l-effetti tal-proċeduri ta' l-istralċ fuq kuntratti kurrenti li fihom l-impriża ta' l-assigurazzjoni hija parti;

(e) l-effetti tal-proċeduri ta' l-istralċ fuq proċeduri mibdija mill-krediturі individwali, bl-eċċezzjoni ta' kawżi pendenti kif ipprovdut fl-Artikolu 26;

(f) il-pretensjonijiet li huma preżentati kontra l-patrimonju ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni u t-trattament ta' pretensjonijiet li joħorġu wara l-bidu tal-proċeduri ta' l-istralċ;

(g) ir-regoli li jiggvernaw il-preżentata, il-verifika u l-ammissjoni tal-pretensjonijiet;

(h) ir-regoli li jiggvernaw it-tqassim tar-rikavat mir-realizzazzjoni ta' l-assi, il-prijorità tal-pretensjonijiet, u d-drittjiet tal-krediturі li kisbu sodisfazzjon parzjali wara l-bidu ta' proċeduri ta' l-istralċ bis-saħħa ta' dritt *in rem* jew permezz ta' tpaċija;

(i) il-kondizzjonijiet għall- u l-effetti ta' l-għeluq tal-proċeduri ta' l-istralċ, partikolarment b'komposizzjoni;

(j) drittijiet tal-krediturі wara l-għeluq tal-proċeduri ta' l-istralċ;

(k) min għandu jħallas l-ispejjeż u l-infiq magħmula fil-proċeduri għall-istralċ;

(l) ir-regoli dwar in-nullità, l-annullabbilità jew in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' atti legali ta' detriment lill-krediturі kollha.

L-Artikolu 10

Trattament ta' pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni

1. Stati Membri għandhom jassiguraw li pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni jiġu qabel pretensjonijiet oħra fuq l-impriża ta' l-assigurazzjoni skond wieħed jew iż-żewġ metodi li ġejjin:

(a) pretensjonijiet ta' assigurazzjoni għandhom, fir-rigward ta' assi li jirrapreżentaw id-dispożizzjonijiet tekniċi, jieħdu preċedenza assoluta fuq kull pretensjoni oħra fuq l-impriża ta' l-assigurazzjoni;

(b) pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni għandhom, fir-rigward ta' l-assi kollha ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni, jieħdu preċedenza fuq kull pretensjoni oħra fuq l-impriża ta' l-assigurazzjoni bl-unika eċċezzjoni possibbli ta':

(i) pretensjonijiet mill-impjegati li joħorġu mill-kuntratti ta' l-impjieġ u relazzjonijiet ta' impjieg,

(ii) pretensjonijiet minn korpi pubbliċi fuq taxxi,

(iii) pretensjonijiet minn sistemi ta' sigurtà soċjali,

(iv) pretensjonijiet fuq assi soġġetti għad-drittijiet *in rem*.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, Stati Membri jistgħu jippruvaw li l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li joħorġu mill-proċedura ta' l-istralċ, kif iddefinita mil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom, għandhom jieħdu preċedenza fuq pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni.

3. Stati Membri li jagħżlu l-metodu pprovdut fil-paragrafu 1(a) għandhom jeħtieġu li l-impriżi ta' l-assigurazzjoni jistabbilixxu u jżommu aġġornat reġistru speċjali skond id-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Anness.

L-Artikolu 11

Surroga fi skema ta' garanzija

L-Istat Membru ta' l-oriġini jista' jipprovdi li, fejn id-drittijiet tal-krediturі ta' l-assigurazzjoni kienu surrogati bi skema ta' garanzija stabbilita f'dak l-Istat Membru, pretensjonijiet minn dik l-iskema m'għandhomx jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 10(1).

L-Artikolu 12

Rappreżentanza ta' pretensjonijiet preferenzjali bl-assi

Bħala deroga għall-Artikolu 18 tad-Direttiva 73/239/KEE u ta' l-Artikolu 21 tad-Direttiva 79/267/KEE, Stati Membri li japplikaw il-metodu msemmi fl-Artikolu 10(1)(b) għandhom jeħtieġu kull impriża ta' l-assigurazzjoni tirrappreżenta, f'kull mument u indipendentement minn kull stralċ possibbli, il-pretensjonijiet li jistgħu ikollhom preċedenza fuq il-pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni bis-saħħa ta' l-Artikolu 10(1)(b) u li huma rreġistrati fil-kontabbilità ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni, b'assi msemmija fl-Artikolu 21 tad-Direttiva 92/49/KEE u l-Artikolu 21 tad-Direttiva 92/96/KEE.

L-Artikolu 13

L-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni

1. Fejn il-bidu ta' proċeduri ta' l-istralċ ikun deċiż fir-rigward ta' impriża ta' assigurazzjoni, l-awtorizzazzjoni ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni għandha tkun irtirata, ħlief safejn meħtieġ għall-ġanijiet tal-paragrafu 2, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 22 tad-Direttiva 73/239/KEE u l-Artikolu 26 tad-Diretttiva 79/267/KEE, jekk l-awtorizzazzjoni ma kenetx irtirata qabel.

2. L-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni bis-saħħa tal-paragrafu 1 m'għandux jipprevjeni l-istralċjarju jew kull persuna oħra fdata mill-awtoritajiet kompetenti milli jwettaq xi attivitajiet ta'

l-impriża ta' assigurazzjoni safejn huwa meħtieġ jew xieraq għall-ġħanijiet ta' l-istralċ. L-Istati Membri ta' oriġini jistgħu jipprovdu li dawk l-attivitajiet għandhom isiru bil-kunsens u taħt is-superviżjoni ta' l-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini.

L-Artikolu 14

Pubblikazzjoni

1. L-awtorità kompetenti, l-istralċjarju jew kull presuna appuntata għal dak il-ġħan mill-awtorità kompetenti għandha tippubblika d-deċiżjoni biex tibda proċeduri ta' stralċ skond il-proċeduri ta' pubblikazzjoni pprovduti fl-Istat Membru ta' oriġini u tippubblika ukoll estratt mid-deċiżjoni ta' l-istralċ fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. L-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istati Membri l-oħra kollha li jkunu infurmati bid-deċiżjoni biex jinbdew proċeduri ta' l-istralċ skond l-Artikolu 8(3) jistgħu jiżguraw il-pubblikazzjoni ta' dik id-deċiżjoni fit-territorji tagħhom bil-mod li jikkunsidraw xieraq.

2. Il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni biex jinbdew il-proċeduri ta' stralċ ipprovduti fil-paragrafu 1 għandhom jispeċifikaw ukoll l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini, il-liġi applikabbli u l-istralċjarju appuntat. Għandha tkun fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn it-tagħrif huwa ppubblikat.

L-Artikolu 15

Tagħrif għall-krediturі magħrufa

1. Meta proċeduri ta' stralċ jinbdew, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini, l-istralċjarju jew kull persuna maħtura għal dak il-ġħan mill-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħarrfu mingħajr dewmien individwalment b'notifika bil-miktub lil kull kreditur magħruf li għandu l-post ta' residenza normali tiegħu, id-domiċilju jew l-uffiċċju prinċipali fi Stat Membru ieħor tiegħu.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 għandha b'mod partikolari tittratta l-limiti ta' żmien, il-pieni mniżżla fir-rigward dawk il-limiti ta' żmien, il-korp jew l-awtorità li għandha s-setgħa li taċċetta l-preżentata ta' pretensjonijiet jew osservazzjonjiet dwar il-pretensjonijiet u miżuri oħra msemmija. In-notifika għandha tindika ukoll jekk il-krediturі li l-pretensjonijiet tagħhom huma preferenzjali jew garantiti *in rem* għandhomx bżonn jippreżentaw il-pretensjonijiet tagħhom. Fil-każ ta' pretensjonijiet ta' assigurazzjoni, in-notifika għandha tindika wkoll l-effetti ġenerali tal-proċeduri ta' l-istralċ fuq kuntratti ta' assigurazzjoni, partikolarment id-data li fiha l-kuntratti ta' assigurazzjoni jew operazzjoni jieqfu milli jkollhom effett u d-drittijiet u d-dmirijiet ta' persuni assigurati fir-rigward tal-kuntratt jew ta' l-operazzjoni.

L-Artikolu 16

Dritt li jippreżenta pretensjonijiet

1. Kull kreditur li għandu l-post ta' residenza normali tiegħu, domiċilju jew uffiċċju prinċipali fi Stat Membru li ma jkunx Stat Membru ta' oriġini, inkluż l-awtoritajiet pubbliċi ta' l-Istati Membri, għandu jkollhom id-dritt li jippreżentaw pretensjonijiet jew jissottomettu osservazzjonijiet bil-miktub dwar il-pretensjonijiet.

2. Il-pretensjonijiet tal-krediturі kollha li għandhom il-post ta' residenza normali tagħhom, domiċilju jew uffiċċju prinċipali fi Stat Membru li ma jkunx Stat Membru ta' oriġini, inkluż l-awtoritajiet imsemmija hawn fuq, għandhom ikunu ttrattati bl-istess mod u mogħtija l-istess prijorità bħal pretensjonijiet ta' natura ekwivalenti preżentabbli mill-krediturі li għandhom il-post ta' residenza normali tagħhom, id-domiċilju jew l-uffiċċju prinċipali fi Stat Membru ta' oriġini.

3. Ħlief f'każijiet fejn il-liġi ta' Stat Membru ta' oriġini tippermetti diversament, kreditur għandu jibgħat kopji ta' dokumenti ta' sostenn, jekk hemm, u għandu jindika n-natura tal-pretensjoni, id-data meta qamet u l-ammont, jekk jallega preferenza, garanzija *in rem* jew riserva ta' titolu fir-rigward ta' pretensjoni u liema assi huma koperti b'garanzija tiegħu. Il-preċedenza mogħtija lill-pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni mill-Artikolu 10 m'għandhomx għalfejn ikunu indikati.

L-Artikolu 17

Lingwi u forma

1. It-tagħrif fin-notifika imsemmija fl-Artikolu 15 għandu jingħata fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' oriġini. Għal dak il-ġħan formola għandha tintuża li jkollha l-intestatura "Stedina għall-preżentata ta' pretensjoni; termini li għandhom ikunu osservati" jew, fejn il-liġi ta' l-Istat Membru ta' oriġini tipprovdi għall-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet dwar pretensjonijiet, "Stedina għas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet dwar pretensjoni; termini li għandhom ikunu osservati", fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-Unjoni Ewropea.

Iżda, fejn kreditur magħruf huwa detentur ta' pretensjoni ta' l-assigurazzjoni, it-tagħrif fin-notifika msemmija fl-Artikolu 15 għandu jingħata fil-lingwa uffiċjali jew f'waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istati Membri fejn il-kreditur għandu l-post ta' residenza normali tiegħu, id-domiċilju jew l-uffiċċju prinċipali.

2. Kull kreditur li għandu l-post ta' residenza normali tiegħu, id-domiċilju jew l-uffiċċju prinċipali fi Stat Membru li ma jkunx Stat Membru ta' oriġini, jista' jippreżenta l-pretensjoni tiegħu jew jissottometti osservazzjonijiet dwar il-pretensjoni tiegħu fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' dak l-Istat Membru l-ieħor. Iżda, f'dak il-każ, il-preżentata tal-pretensjoni tiegħu jew is-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet fuq il-pretensjoni tiegħu, kif xieraq, għandha jkollha l-intestatura "Preżentata tal-pretensjoni" jew "Sottomissjoni ta' osservazzjonijiet dwar il-pretensjonijiet", kif xieraq, fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' oriġini.

L-Artikolu 18

Tagħrif regolari għall-krediturі

1. L-istralċjarji għandhom iżommu l-krediturі regolarment infurmati, b'mod xieraq, partikolarment bil-progress tal-proċeduri ta' l-istralċ.

2. L-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istati Membri jistgħu jitolbu informazzjoni fuq żviluppi fil-proċedura ta' l-istralċ mill-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini.

IT-TITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-MIŻURI TA' RIORGANIZZAZZJONI U PROĊEDURI TA' L-ISTRALĊ

L-Artikolu 19

Effetti fuq ċerti kuntratti u drittijiet

Bħala deroga għall-Artikoli 4 u 9, l-effetti tal-bidu ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' l-istralċ fuq il-kuntratti jew drittijiet speċifikati hawn taħt għandhom ikunu ggvernati bir-regoli li ġejjin:

(a) kuntratti ta' impjieg u relazzjonijiet ta' impjieg għandhom ikunu ggvernati biss bil-liġi ta' l-Istat Membru applikabbli għall-kuntratt ta' impjieg jew ir-relazzjoni ta' impjieg;

(b) kuntratt li jagħti d-dritt li tintuża jew tkun akkwistata proprjetà immobbli għandu jkun iggvernat biss mil-liġi ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinsab il-proprjetà immobbli;

(ċ) drittijiet ta' impriża ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' proprjetà immobbli, bastiment jew inġenju ta' l-ajru soġġett għar-reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku għandhom ikunu ggvernati bil-liġi ta' l-Istat Membru li taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru.

L-Artikolu 20

Drittijiet ta' terzi in rem

1. Il-bidu ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ m'għandhomx jaffettwaw id-drittijiet *in rem* tal-krediturі jew terzi persuni dwar assi tanġibbli jew mhux tanġibbli, mobbli jew immobbli — kemm assi speċifiċi u kollezzjonijiet ta' assi indefiniti bħala oġġett sħiħ li jinbidel minn żmien għall-żmien — li jappartienu lill-impriża ta' assigurazzjoni li huma ġewwa t-territorju ta' Stat Membru ieħor fiż-żmien tal-bidu ta' dawn il-miżuri jew proċeduri.

2. Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ifissru partikolarment:

(a) id-dritt li tiddisponi mill-assi jew li jiġu disposti u biex tikseb sodisfazzjon mir-rikavat jew mid-dħul minn dawk l-assi, partikolarment bis-saħħa ta' preferenzajew ipoteka;

(b) id-dritt esklussiv li tintlaqa' pretensjoni, partikolarment dritt garantit bi preferenzadwar pretensjoni jew b'ċessjoni tal-pretensjoni bħala garanzija;

(ċ) id-dritt li titlob assi minn, u/jew teħtieġ ir-restituzzjoni minn, kull min għandu l-pussess jew l-użu tagħhom kuntrarjament għax-xewqat tal-parti li hi hekk intitolata;

(d) dritt *in rem* għall-użu li jagħti benefiċċju ta' l-assi.

3. Id-dritt, irreġistrat f'reġistru pubbliku u inforzabbli kontra terzi persuni, taħt liema dritt *inrem* fit-tifsira tal-paragrafu 1 jista' jinkiseb, għandu jkun ikkunsidrat dritt *in rem*.

4. Il-paragrafu 1 m' għandux jipprekludi azzjonijiet għan-nullità, annullabbilità jew nuqqas ta' infurzar imsemmija fl-Artikolu 9(2)(1).

L-Artikolu 21

Riserva ta' titolu

1. Il-bidu ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ kontra impriża ta' assigurazzjoni li tixtri beni m'għandhomx jaffettwaw id-drittijiet ta' bejjiegħ ibbażati fuq riserva ta' titolu fejn fiż-żmien tal-ftuħ ta' dawk il-miżuri jew proċeduri l-beni jinsab ġewwa t-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat fejn dawk il-miżuri jew proċeduri inbdew.

2. Il-bidu ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ kontra impriża ta' l-assigurazzjoni li tbigħ il-beni, wara l-konsenja tal-beni, m'għandhiex tikkostitwixxi bażi għar-rexxissjoni jew it-tmiem ta' bejgħ u m'għandux jipprevieni x-xerrej milli jakkwista titolu fejn fiż-żmien tal-bidu ta' dawn il-miżuri jew proċeduri l-beni mibjugħa tinsab ġewwa t-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat fejn dawn il-miżuri jew proċeduri inbdew.

3. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jipprekludu azzjonijiet għan-nullità, l-annullabbilità jew in-nuqqas ta' infurzar imsemmija fl-Artikolu 9(2)(1).

L-Artikolu 22

Tpaċija

1. Il-bidu ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' stralċ m'għandhomx jaffettwaw id-dritt tal-krediturі li jitolbu t-tpaċija tal-pretensjonijiet tagħhom kontra pretensjonijiet ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni, fejn din it-tpaċija hija permessa bil-liġi applikabbli għall-pretensjoni ta' l-impriża ta' l-assigurazzjoni.

2. Il-paragrafu 1 m' għandux jipprekludi azzjonijiet għan-nullità, l-annullabbilità jew in-nuqqas ta' infurzar imsemmija fl-Artikolu 9(2)(1).

L-Artikolu 23

Swieq regolati

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 20 l-effetti ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew il-bidu ta' proċeduri ta' l-istralċ fuq id-drittijiet jew l-obbligi tal-partijiet f'suq regolat għandhom ikunu ggvernati biss bil-liġi applikabbli lil dak is-suq.

2. Il-paragrafu 1 m' għandux jipprekludi kull azzjoni għan-nullità, l-annullabbilità jew in-nuqqas ta' infurzar imsemmija fl-Artikolu 9(2)(1) li jistgħu jittieħdu biex jintrefgħu pagamenti jew tranżazzjonijiet taħt il-liġi applikabbli għal dak is-suq.

L-Artikolu 24

Atti ta' detriment

L-Artikolu 9(2)(1) m'għandux japplika, fejn persuna li bbenefikat minn att legali ta' detriment għall-krediturі kollha tipprovdi prova li:

(a) l-att imsemmi hu suġġett għal-liġi ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini, u

(b) dik il-liġi ma tħallix xi mezz ta' sfida ta' l-att fil-każ relevanti.

L-Artikolu 25

Drittijiet ta' xerrejja terzi

Fejn, b'att konkluż wara l-adozzjoni ta' miżura ta' riorganizzazzjoni jew il-bidu ta' proċeduri ta' stralċ, impriża ta' l-assigurazzjoni tiddisponi, għal konsiderazzjoni, minn:

(a) beni immobbli,

(b) bastiment jew inġenju ta' l-ajru soġġetti- għar-reġistrazzjoni ta' reġistru pubbliku, jew

(ċ) garanziji trasferibbli jew oħrajn li l-eżistenza tagħhom jew trasferiment jippresupponi dħul f'reġistru jew kont ipprovdut mil-liġi jew li huma mqieġħda f'sistema ta' depożitu ċentrali ggvernata b'liġi ta' Stat Membru,

il-validità ta' dak l-att għandha tkun iggvernata b'liġi ta' l-Istat Membru li ġewwa t-territorju tiegħu fejn jinsab il-beni mmobbli jew taħt l-awtorità tiegħu jinżamm ir-reġistru, kont jew sistema.

L-Artikolu 26

Kawżi pendenti

L-effetti ta' miżuri ta' riorganizzazjoni jew proċeduri ta' stralċ fuq kawża pendenti dwar beni jew dritt minn liema impriża ta' l-assigurazzjoni tkun ġiet svestita għandhom ikunu ggvernati biss bil-liġi ta' l-Istat Membru fejn il-kawża hija pendenti.

L-Artikolu 27

Amministraturi u stralċjarji

1. Il-ħatra ta' l-amministratur jew stralċjarju għandha tkun ippruvata b'kopja ċċertifikata tad-deċiżjoni oriġinali li taħtru jew b'kull ċertifikat ieħor maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru ta' oriġini.

Tista' tenħtieġ traduzzjoni fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru ġewwa t-territorju li tiegħu l-amministratur jew stralċjarju jixtieq jaġixxi. L-ebda leġislazzjoni jew formalità oħra simili mhi meħtieġa.

2. Amministraturi u stralċjarji jkunu intitolati jeżerċitaw ġewwa t-territorju ta' l-Istati Membri kollha l-poteri kollha li huma intitolati jeżerċitaw ġewwa t-territorju ta' l-Istat Membru ta' oriġini. Persuni biex jassistu jew, fejn xieraq, jirrappreżentaw amministraturi u stralċjarji jistgħu jinħatru, skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini, waqt il-miżura ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' l-istralċ, partikolarment fi Stati Membri ospitanti u, speċifikatament, biex jgħinu jegħlbu kull diffikultà li jsibu l-krediturі fl-Istat Membru ospitanti.

3. Fl-eżerċizzju tas-setgħat tiegħu skond il-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini, amministratur jew stralċjarju għandu jikkonforma mal-liġi ta' l-Istati Membri li ġewwa t-territorju tagħhom

jixtieq jaġixxi, partikolarment dwar proċeduri għar-realizzazzjoni ta' l-assi u t-tagħrif lill-impjegati. Dawk il-poteri ma jistgħux jinkludu l-użu tal-forza jew id-dritt li jkunu deċiżi proċeduri legali jew vertenzi.

L-Artikolu 28

Reġistrazzjoni f'reġistru pubbliku

1. L-amministratur, stralċjarju jew kull awtorità oħra jew persuna mogħtija s-setgħa kif jixraq fl-Istat Membru ta' oriġini jista' jitlob li miżura ta' riorganizzazzjoni jew id-deċiżjoni li jibdew il-proċeduri ta' l-istralċ tkun irreġistrata fir-reġistru ta' l-art, ir-reġistru tan-negozju u kull reġistru ieħor miżmum fl-Istati Membri l-oħra.

Iżda, jekk Stat Membru jippreskrivi reġistrazzjoni obbligatorja, l-awtorità jew persuna msemmija fis-subparagrafu 1 għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tkun żgurata din ir-reġistrazzjoni.

2. L-ispejjeż tar-reġistrazzjoni għandhom jitqiesu bħala spejjeż u infiq magħmula fil-proċeduri.

L-Artikolu 29

Segretezza professjonali

Il-persuni kollha meħtieġa li jirċievu jew jiddivulgaw tagħrif konness mal-proċeduri ta' komunikazzjoni provduti fl-Artikoli 5, 8 u 30 għandhom ikunu marbuta bis-segretezza professjonali bl-istess mod kif inhu stabbilit fl-Artikolu 16 tad-Direttiva 92/49 KEE u l-Artikolu 15 tad-Direttiva 92/96KEE, bl-eċċezzjoni ta' kull awtorità ġudizzjarja li għalihom japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali.

L-Artikolu 30

Frieġħi ta' impriżi ta' assigurazzjoni f'pajjiż terz

1. Minkejja t-tifsiriet ipprovduti fl-Artikolu 29(e), (f) u (g) u għall-għan li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' l-istralċ dwar fergħa li tinsab fi Stat Membru ta' impriża ta' assigurazzjoni li l-uffiċċju prinċipali jinsab barra l-Komunità:

(a) "Stat Membru ta" oriġini' tfisser Stat Membru fejn il-fergħa ngħatat awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 23 tad-Direttiva 73/239/KEE jew l-Artikolu 27 tad-Direttiva 79/267/KEE;

(b) "awtoritajiet ta" supervizzjoni' u "awtoritajiet kompetenti" tfisser dawk l-awtoritajiet ta' l-Istat Membru fejn il-fergħa kienet awtorizzata.

2. Meta l-impriża ta' assigurazzjoni li l-uffiċċju prinċipali tagħha huwa barra l-Komunità għandha frieġħi stabbiliti f'aktar minn Stat Membru wieħed, kull fergħa għandha tkun ittrattata indipendentement fir-rigward l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. L-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' dawn l-Istati Membri għandhom jippruvaw li jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom. Kull amministratur jew stralċjarju għandu ukoll jipprova li jikkoordina l-azzjonijiet tagħhom.

L-Artikolu 31

Implimentazzjoni ta' din id-Direttiva

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrativi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-20 ta' April 2003. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandhom ikollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-referenza għandhom jiġu preskritti mill-Istati Membri.

2. Dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom japplikaw biss għall-miżuri ta' riorganizzazzjoni jew proċeduri ta' l-istralċ adottati jew miftuħa wara d-data msemmija fil-paragrafu 1. Miżuri ta' riorganizzazzjoni adottati jew proċeduri ta' stralċ miftuħa qabel dik id-data għandhom ikomplu jkunu ggvernati bil-liġi li kienet applikabbli għalihom fi żmien ta' l-adozzjoni jew tal-bidu.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 32

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil- *Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

L-Artikolu 33

Id-destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-19 ta' Marzu 2001.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
N. FONTAINE	A. LINDH

L-ANNESS

REĠISTRU SPEĊJALI MSEMMI FL-ARTIKOLU 10(3)

1. Kull impriża ta' l-assigurazzjoni għandha żżomm fl-uffiċċju prinċipali tagħha reġistru speċjali ta' l-assi użati biex ikopru d-dispożizzjonijiet tekniċi kkalkolati u investiti skond ir-regoli ta' l-Istat Membru ta' oriġini.

2. Fejn impriża ta' assigurazzjoni li tinnegozja kemm negozju mhux fuq il-ħajja u fuqha, għandha żżomm fl-uffiċċju prinċipali reġistri separati għal kull tip ta' negozju. Iżda, fejn Stat Membru jawtorizza impriża ta' assigurazzjoni biex tkopri l-ħajja u r-riskji elenkati fil-punti 1 u 2 ta' l-Anness A tad-Direttiva 73/239/KEE, tista' tipprovdi li dawk l-impriżi ta' assigurazzjoni għandhom iżommu reġistru wieħed għall-attivitajiet kollha tagħhom.

3. Il-valur totali ta' l-assi mdaħħla, valutati skond ir-regoli applikabbli fl-Istat Membru ta' oriġini, m'għandhom fl-ebda ħin ikunu anqas mill-valur tad-dispożizzjonijiet tekniċi.

4. Fejn beni mdaħħal fir-reġistru huwa soġġett għal dritt *in rem* favur kreditur jew terza persuna, bir-riżultat li parti mill-valur tal-beni mhux disponibbli għal għan li jkopri l-impennji, il-fatt ikun irreġistrat fir-reġistru u l-ammont mhux disponibbli ma jkunx inkluż fil-valur totali msemmi fil-punt 3.

5. Fejn beni użat biex ikopri d-dispożizzjonijiet tekniċi huwa soġġett għall-dritt *in rem* favur kreditur jew parti terza, mingħajr ma jilħaq il-kondizzjonijiet tal-punt 4, jew fejn dak il-beni huwa soġġett għal riserva ta' titolu favur kreditur jew terza persuna jew fejn kreditur għandu d-dritt li jitlob tpaċija tal-pretensjoni tiegħu kontra l-pretensjoni ta' l-impriża ta' assigurazzjoni, it-trattament ta' dan il-beni fil-każ ta' stralċ ta' kumpanija ta' l-assigurazzjoni dwar il-metodu pprovdut fl-Artikolu 10(1)(a) għandu jkun iddeterminat b'leġislazzjoni ta' l-Istat Membru ta' oriġini ħlief fejn l-Artikoli 20, 21 jew 22 japplikaw għal dak il-beni.

6. Il-kompożizzjoni ta' l-assi mdaħħla fir-reġistru skond il-punti 1 sa 5, fiż-żmien meta l-proċeduri ta' l-istralċ jinbdew, m'għandhomx jinbidlu wara u l-ebda bidla jekk mhux it-tiswija ta' żbalji purament klerikali m'għandha ssir fir-reġistri, ħlief bl-awtorizzazzjoni ta' l-awtorità kompetenti.

7. Minkejja l-punt 6, l-istralċjarji għandhom iżidu ma' l-imsemmija assi r-rendiment minnhom u l-valur ta' *premiums* puri riċevuti fir-rigward tal-klassi tan-negozju kkonċernat bejn il-bidu tal-proċeduri ta' l-istralċ u ż-żmien tal-ħlas tal-pretensjonijiet ta' l-assigurazzjoni jew sakemm isir it-trasferiment tal-portafoll.

8. Jekk il-prodott tar-realizzazzjoni ta' l-assi huwa anqas mill-valur stmat fir-reġistri, l-istralċjarji għandhom jenħtieġu li jiġġustifikaw dan lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' l-oriġini.

9. L-awtoritajiet ta' superviżjoni ta' l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw l-applikazzjoni sħiħa mill-impriżi ta' l-assigurazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness.